

Ursula Hirschmann: Antifaxxista u federalista fundatriċi Ewropea (1913-1991)



Imwielda f'familja Lhudija tal-klassi medja f'Berlin, fl-1932 Ursula Hirschmann ingħaqdet mal-organizzazzjoni taż-żgħażgħ tal-Partit Soċjal-Demokratiku f'reżistenza kontra l-avvanz tan-Nazisti. Wara li ltaqgħet ma' u mbagħad iżżewġet lil Eugenio Colorni, filosofu u soċjalista żagħżuġħ Taljan, meta kienu fl-eżilju f'Pariġi matul is-snin tletin tas-seklu l-ieħor, Hirschmann saret attiva fl-oppożizzjoni klandestina kontra l-Faxxiżmu f'art twelid żewġha, l-Italja.

Meta Colorni ġie arrestat u mitfugħ il-ħabs fuq il-gżira ta' Ventotene, hija marret wara żewġha hemmhekk. Hemmhekk huma ltaqgħu ma' Ernesto Rossi u Altiero Spinelli li, fl-1941, li flimkien kitbu il-Manfiest ta' Ventotene "għal Ewropa ħielsa u magħquda", ġeneralment meqjus bħala l-punt tat-tluq għall-federaliżmu Ewropew. Il-Manifest kien pjan ta' azzjoni għal Unjoni Ewropea demokratika li setgħet tinħoloq wara l-gwerra. Hirschmann daħlet bil-moħbi il-manifest fl-Italja kontinentali u għenet fit-tixrid tiegħu.

F'Awwissu 1943 f'Milan, hi kienet waħda mill-fundaturi tal-Moviment Federalista Ewropew flimkien ma' Spinelli, wara li ħarab minn Ventotene. Fl-1975, Hirschmann waqqfet fi Brussell l-Association Femmes pour l'Europe.

Is-snin bikrin

Imwielda fl-1913, iż-żagħżuġha Ursula Hirschmann bdiet il-vjaġġ tagħha tal-iskoperta u l-attiviżmu politiku billi attendiet avvenimenti organizzati kemm mill-Partit Soċjalista kif ukoll mill-Partit Soċjaldemokratiku Ġermaniż fil-belt tagħha ta' Berlin.

Fl-1932, it-triq tal-istudenta Lhudija żagħżuġha tal-ekonomija ħadet żvolta aktar radikali biex b'hekk sabet ruħha involuta fil-gruppi mar-reżistenza Komunista. Sena wara, bir-repressjoni Nazista tal-gruppi tal-oppożizzjoni jaqbad ir-ritmu, hi u ħuha Albert (li aktar tard f'ħajtu sar ekonomista u politologu prominenti) marru Pariġi. Dan kien il-bidu ta' perjodu twil ta' eżilju għal Hirschmann u żvolta fil-konverżjoni tagħha għall-kawża għall-federaliżmu Ewropew.

Meta kienet Pariġi, hi u Albert iltaqgħu ma' Eugenio Colorni, filosofu u Soċjalista Taljan żagħżuġħ li kienu saru jafuh f'Berlin. Wara li marret flimkien miegħu l-Italja, Hirschmann iżżewġet lil Colorni fl-1935.

Il-koppja involvew ruħhom ħafna fil-moviment kontra l-Faxxiżmu fl-Italja. Madankollu, dan l-attiviżmu radikali wassal għall-arrest u l-eżilju ta' Colorni fil-gżira ta' Ventotene. Hirschmann kisbet permess mill-awtoritajiet biex tingħaqad ma' Colorni f'Venotene, fejn iltaqgħu ma' intellettuali antifaxxisti oħra bħal Altiero Spinelli u Ernesto Rossi.

Fit-twelid tal-federaliżmu Ewropew

Dan it-tlaqqiġ tal-imħuħ, eventwalment fl-1941 wassal għall-Manifest ta' Ventotene, "għal Ewropa ħielsa u magħquda". Miksub b'mod sigriet fuq karti tas-sigaretti, il-Manifest kien

dikjarazzjoni politika u pjan ta' azzjoni għal federazzjoni demokratika tal-Ewropa. Il-Manifest għamel sejħa għal waqfa mill-passat tal-Ewropa biex tissawwar sistema politika ġdida permezz ta' ristrutturar fil-politika u riforma soċjali estensiva.

Wara li ħarbet minn Ventotene, Ursula rnexxielha ddaħħal it-test tal-Manifest fl-Italja kontinentali u tat daqqa t'id fl-abbozz u fit-tixrid tiegħu. Dan inqara ħafna minn dawk li kienu qed jiġġieldu mar-reżistenza Taljana kontra n-Nażisti. Hirschmann waslet f'Milan u flimkien ma' Spinelli u attivisti oħra, fl-1943 waqqfet il-*Movimento Federalista Europeo*, hekk kif il-Forzi Alleati daħlu fl-Italja min-Nofsinhar. Kien f'Milan f'Awwissu ta' dik is-sena li saret l-ewwel laqgħa għall-kostituzzjoni tal-moviment federalista li wasslet għall-approvazzjoni tas-sitt pedamenti tal-ħsieb federalista li tnissel f'Venotene.

Fl-1944 Eugenio Coloni nqatel mill-faxxisti f'Ruma. Hirschmann iżżewġet lil Altiero Spinelli fis-sena ta' wara. Huma ħarbu lejn

l-Iżvizzera fejn ħadmu flimkien biex jinternazzjonalizzaw il-Moviment Federalista Ewropew. B'hekk Hirschmann ġiet involuta fl-organizzazzjoni tal-ewwel kungress federalista internazzjonali li sar f'Pariġi fl-1945. Il-koppja eventwalment stabbilixxiet ruħha f'Ruma.

L-impenn politiku ta' Hirschmann ma ntemmx wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1975, hi waqqfet fi Brussell l-*Association Femmes pour l'Europe* (In-Nisa għall-Ewropa), moviment li laqqa' flimkien nisa miċ-ċrieki femministi kif ukoll miċ-ċrieki politiċi u għadu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Ursula Hirschmann kellha tlitt ibniet, Silvia, Renata, u Eva, mill-ewwel raġel tagħha Eugenio Coloni, u tlitt ibniet minn Altiero Spinelli: Diana, Sara, u l-ġurnalista Taljana u membru tal-parlament Barbara Spinelli. F'Diċembru 1975, Hirschmann sofriet emorraġija ċerebrali li minnha qatt ma rkuprat kompletament. Hija mietet fl-1991 fl-età ta' 77 sena.